# IL-PROĠETT bħala parti integrali mill-assessjar fis-Sitt Sena Primarja

## A: IL-PROĠETT – linji gwida

1. Għandu jsir proġett wieħed, individwali minn kull student/a.
2. Il-proġett għandu jitlesta u jiġi assessjat mill-għalliema sal-15 ta' Mejju 2015.
3. Il-proġett ikollu 20% mill-marka finali tal-eżami tal-aħħar tas-sena; l-eżami bil-kitba tal-aħħar tas-sena jkollu 80% tal-marka globali.
4. Fil-każ ta' INTERVISTI, DJARJI, REĊTI u RAPPORTI, in-numru ta' kliem għandu jkun ta' bejn 300 u 450 kelma.
5. Il-preżentazzjonijiet *powerpoint* għandhom jinħadmu f'mhux inqas minn 12-il *slide*, mhux iktar minn 30 *slide*. Fil-każ tal-*powerpoints* wieħed għandu jifhem l-importanza ta' kapxins rilevanti, effettivi u f'posthom. Il-kitba użata fil-preżentazzjoni, inklużi t-titli u l-kapxins, m'għandhiex tkun inqas minn 300 kelma u mhux iktar minn 450.
6. Fil-każ ta' *scrapbook*, *project book* jew *A4 copybook*, m'għandux ikun hemm iktar minn 25 paġna, li jinkludu kemm ritratti, illustrazzjonijiet (*diagrams*) u *text*. It-*text* għandu jkun bejn 300 u 450 kelma. Ma jitnaqqsux marki jekk il-proġett ma jkunx ittajpjat/ipprintjat, basta l-kitba tkun pulita u tingħaraf sew. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-organizzazzjoni tal-proġett.
7. F'xi proġetti, dejjem jekk dan ikun jixraq u rilevanti, tista' tintuża għodda elettronika interattiva bħal *Web 2.0 Tools*, *Goanimate*, *blogs*, *Photostory*, *Photosynth*, *Photo Collage* u *Storybird*. Din l-għodda teknoloġika għandha dejjem tkun disponibbli għall-moderatur/i tal-proġett.
8. Filwaqt li għandu jsir kull sforz possibbli biex l-istudenti kollha jaħdmu proġett skont il-kriterji stabbiliti, nifhmu li dan mhux dejjem ikun possibbli. Fil-każ ta' studenti bi ħtiġijiet partikolari fit-tagħlim, hija fid-diskrezzjoni tal-għalliem u l-LSA li jaraw li jaħdem proġett fil-livell/i tiegħu.
9. Il-proġett jista' jinħadem bil-lingwa Ingliża imma t-titlu għandu jidher fl-oriġinal tiegħu bil-lingwa Maltija.
10. It-titlu tal-Proġett kif ukoll id-deskrizzjoni sħiħa tiegħu għandhom jidhru b'mod prominenti fil-bidu ta' kull proġett.

## B (i): IL-PROĠETTI GĦAS-6 SENA PRIMARJA
## SENA A – sena skolastika 2014 – 2015
(N.B. *It titlu flimkien mad-deskrizzjoni tat-titlu għandhom jidhru fil-bidu tal-proġett* )

1. **Is-Simboli Nazzjonali huma wirt li ta' min jibża' għalih** – Agħmel riċerka, imbagħad uża l-istess riċerka biex taħdem proġett jew preżentazzjoni *powerpoint* dwar is-simboli nazzjonali b'referenza kemm għal simboli nazzjonali Maltin kif ukoll għal simboli ta' pajjiżi barranin. Inkludi ritratti jew stampi tas-simboli magħżula. Għid għaliex is-simboli nazzjonali huma importanti.

2. **Kulturi Differenti Madwarna** – Identifika persuni li ġejjin minn kultura/i differenti minn tagħna; dawn jistgħu kemm tfal kif ukoll adulti li nsibu jgħixu fil-komunitajiet tagħna, l-iskola u fil-lokalitajiet tagħna. Agħmel riċerka dwar x'uħud minn dawn il-kulturi barranin (eż. staqsi lilhom stess, uża l-Internet eċċ.). Aħdem proġett jew preżentazzjoni *powerpoint* dwar dak li akkwistajt mir-riċerka. Tista' tagħmel referenza għal stejjer u każi li jirrakkantawlek huma stess (N.B. Dejjem ħu l-permess tal-awtur qabel tippreżenta xi storja personali).

3. **Pajjiż Ewropew li Jmiss mal-Baħar Mediterran** – Agħmel riċerka dwar pajjiż Ewropew li jmiss mal-Baħar Mediterran; uża l-istess riċerka biex taħdem proġett jew preżentazzjoni *powerpoint* dwar dan il-pajjiż. Ikteb fost l-oħrajn dwar il-bliet prinċipali tiegħu, il-popolazzjoni, xi simboli nazzjonali li għandu u l-kultura. Uża mappa u stampi biex issebbaħ ix-xogħol tiegħek.

4. **Qabbel Pajjiż li Jmiss mal-Mediterran mal-Gżejjer Maltin** – Agħmel riċerka dwar pajjiż li jmiss mal-Baħar Mediterran imbagħad aħdem proġett jew preżentazzjoni *powerpoint* biex tqabblu ma' Malta. Ipprova sib kemm affarijiet li huma l-istess kif ukoll affarijiet differenti. Tista' fost l-oħrajn tqabbel il-klima, il-mappa, id-daqs, il-popolazzjoni, xi simboli nazzjonali, l-ilbies, id-drawwiet u l-isports favoriti man-nies taż-żewġ pajjiżi.

5. **Ippjana cruise madwar il-Baħar Mediterran** – żur mill-inqas 3 pajjiżi u 3 gżejjer, semmi l-waqfiet u waqt il-waqfiet għid x'postijiet tistgħu żżuru. Inkludi mappa li tindika r-rotta li se jieħu l-*cruise*.

6. **Il-Gżejjer Ewlenin tal-Baħar Mediterran** – Fittex dwar il-gżejjer prinċipali li għandna fil-Baħar Mediterran. Imbagħad aħdem proġett jew preżentazzjoni *powerpoint* dwar erba' (4) minn dawn il-gżejjer Mediterranji. Sebbaħ ix-xogħol tiegħek permezz ta' ritratti u stampi relevanti. Inkludi mappa tal-Mediterran li turi fejn jinsabu l-erba' gżejjer li ktibt dwarhom.

7. **Il-Pajjiż Mediterranju Favorit Tiegħi** – Liema hu l-pajjiż Mediterranju favorit tiegħek? Agħmel riċerka biex imbagħad taħdem proġett jew preżentazzjoni *powerpoint* fuq dan il-pajjiż. Inkludi mappa tal-pajjiż kif ukoll mappa tal-Mediterran li turi fejn jiġi dal-pajjiż. Tista' tikteb dwar il-bliet ewlenin, il-popolazzjoni, il-ġeografija u l-kultura tal-pajjiż.

8. **Qabbel l-Ipoġew ma' Tempju Megalitiku** – Agħmel riċerka dwar l-Ipoġew ta' Ħal Saflieni u dwar tempju megalitiku li jinsab fil-Gżejjer Maltin. Aħdem proġett jew preżentazzjoni *powerpoint* biex tqabbel l-Ipoġew mat-tempju. Semmi kemm xi differenzi li sibt fiż-żewġ siti kif ukoll xi similaritajiet. Fil-proġett inkludi ritratti u/jew stampi.

9. **Reċta ta' Żmien il-Preistorja** – Ikteb reċta fejn tlett itfal tal-istess età tiegħek li kienu jgħixu fi żmien il-preistorja jirrakkuntaw dwar il-ħajja tagħhom; tista' tikteb dwar x'iferraħhom, il-logħob li jilagħbu u xi diffikultajiet li jsibu f'ħajjithom.

10. **Il-Preistorja Maltija** – Agħmel riċerka u imbagħad uża r-riċerka tiegħek biex taħdem proġett jew preżentazzjoni *powerpoint* dwar il-Preistorja Maltija. Għid xi tfisser il-kelma 'Preistorja', kif tinqasam il-Preistorja Maltija u semmi l-fdalijiet preistoriċi ewlenin li għandna. Għid għaliex għandna nibżgħu għall-fdalijiet preistoriċi li għandna. Inkludi mappa tal-Gżejjer Maltin li turi fejn jinsabu l-fdalijiet preistoriċi prinċipali tagħna.

## B (ii): IL-PROĠETTI GĦAS-6 SENA PRIMARJA
## SENA B – sena skolastika 2015 – 2016

(N.B. *It titlu flimkien mad-deskrizzjoni tat-titlu għandhom jidhru fil-bidu tal-proġett* )

1. **Il-Komunikazzjoni Virtwali u l-Komunikazzjoni Reali** – Ikteb komponiment ta' bejn 300 u 450 kelma u fiha iddiskuti kemm huwa importanti illi f'ħajjitna nilħqu bilanċ bejn il-komunikazzjoni virtwali (emails, SMSs, ċetting eċċ.) u l-komunikazzjoni reali (ħin mal-ħbieb fi gruppi, attivitajiet mal-ħbieb l-iskola u fl-għaqdiet, ħin mal-familja eċċ.). Għid għaliex it-tnejn huma importanti.

2. **Intervista ma' Emigrant Malti –** Agħmel intervista ma' emigrant (jista' jkun mara jew raġel) li llum jgħix f'xi pajjiż barrani. L-emigrant jista' jkun ħabib jew xi ħadd tal-familja. Staqsih fost l-oħrajn kemm ilu jgħix barra, staqsih dwar il-pajjiż fejn jgħix, xi drawwiet differenti minn tagħna li għandhom, jekk jiġix sikwit Malta, x'jaħseb fuq Malta u l-Maltin. Fl-aħħar stiednu biex jgħaddi messaġġ lill-Maltin u lill-Għawdxin kollha.

3. **Il-Kontinenti u l-Oċeani** – Agħmel riċerka, imbagħad uża l-istess riċerka biex taħdem proġett jew preżentazzjoni *powerpoint* dwar is-sitt kontinenti u l-ħames oċeani li jeżistu fid-dinja. Inkludi mappa li turi fejn jiġu dawn kollha. Semmi xi informazzjoni ħafifa dwar kull kontinent u kull oċean u ikteb iktar fid-dettal dwar wieħed mill-kontinenti u wieħed mill-oċeani.

4. **Il-Baħar Mediterran** – Fittex dwar il-Baħar Mediterran u aħdem proġett jew preżentazzjoni *powerpoint* dwar l-informazzjoni li jirnexxilek takkwista. Inkludi mappa u stampi. Għid għaliex il-Baħar Mediterran minkejja ċ-ċokon jibqa' importanti ħafna.

5. **Il-Fetħiet Prinċipali li Jagħtu għall-Baħar Mediterran** – Aħdem proġett jew preżentazzjoni *powerpoint* dwar it-tliet fetħiet prinċipali li minnhom tista' tidħol fil-Baħar Mediterran. Inkludi mappa, u għid jekk kull fetħa hijiex naturali jew jekk saritx mill-bniedem

6. **L-Esperjenza Tiegħi f'Pajjiż li Jmiss mal-Mediterran** – Aħdem proġett jew preżentazzjoni *powerpoint* dwar xi mawra (safra) li għamilt f'xi pajjiż tal-Mediterran. Semmi l-postijiet li żortu, l-attivitajiet li għamilt, x'tgħallimt u x'laqtek l-iktar.

7. **Kitba ta' Rapport: Żjara f'Tempju Megalitiku** – Agħmel żjara f'wieħed mit-tempji megalitiċi li għandna fil-Gżejjer Maltin. Ikteb rapport dwar iż-żjara. Ikteb dwar l-importanza li dan it-tempju għandu għalina l-Maltin, u għid kif lil dan it-tempju qegħdin nippruvaw nipproteġuh. Sebbaħ ix-xogħol tiegħek permezz ta' ritratti li ħadt waqt iż-żjara.

8. **L-Ipoġew ta' Ħal Saflieni – Wirt Dinji tal-Umanità** – Agħmel riċerka u imbagħad aħdem proġett jew preżentazzjoni *powerpoint* dwar l-Ipoġew ta' Ħal Saflieni. Ikteb dwar l-importanza tiegħu għalina l-Maltin u għid xi tfisser meta ngħidu li l-Ipoġew huwa wieħed mit-tliet Siti ta' Wirt Dinji (*World Heritage Sites*) tal-UNESCO li għandna f'Malta.

9. **Inqabblu l-Preistorja mal-Istorja** – Permezz ta’ riċerka mill-Internet, gazzetti, pubblikazzjonijiet, u anke bi żjarat fuq siti preistoriċi u storiċi, qabbel il-PREISTORJA MALTIJA mal-ISTORJA TA’ MALTA. Sib evidenza kemm ta’ fdalijiet preistoriċi kif ukoll ta’ fdalijiet storiċi fil-Gżejjer Maltin. Sebbaħ ix-xogħol tiegħek permezz ta’ stampi u ritratti.

10. **It-Tempji Megalitiċi huma Wirt Dinji** – Agħmel riċerka dwar uħud mit-tempji megalitiċi li għandna fil-Gżejjer Maltin. Ikteb dwarhom u waħħal stampi relevanti biex issebbaħ ix-xogħol tiegħek. Għid xi jfisser il-fatt li huma wirt dinji. Ikteb mill-inqas dwar tliet tempji megalitiċi.

## C (i): Project Assessment Criteria

| Marks | Quality of work |
|---|---|
| 17 – 20 | **Excellent:** evidence (*photographs, pictures, drawings, information*) is ample and of different forms. It is all relevant to the project. Presentation (*introduction to the project, main items, conclusion*) has very good structure. |
| 13 – 16 | **Very Good**: evidence is sufficient and relevant to explain project. Presentation has a good stucture. |
| 9 – 12 | **Good**: evidence is sufficient and relevant to explain the project. Presentation has a weak structure but the main points are present. |
| 5 – 8 | **Fair**: evidence is limited and most of it is relevant to the project. Presentation lacks structure but a few main points are present. |
| 0 – 4 | **Poor:** evidence is very limited and most of it is not relevant to the project. Presentation lacks structure. |

## C (ii) L-Assessjar tal-Proġett

N.B. Għall-iskop ta’ din l-għodda ta’ assessjar,
(a) **L-EVIDENZA** tinkludi ritratti, stampi, tpenġija, illustrazzjonijiet u informazzjoni miġbura;
(b) **IL-PREŻENTAZZJONI** tinkludi l-introduzzjoni, it-temi prinċipali u l-konklużjoni.

| Marki | Kwalità tax-xogħol |
|---|---|
| 17 – 20 | **Eċċellenti**: hemm evidenza (*ritratti, stampi, tpenġija, illustrazzjonijiet, informazzjoni*) ċara u ta’ diversi forom. L-evidenza kollha hija rilevanti għall-proġett. Il-preżentazzjoni (*l-introduzzjoni, temi prinċipali, konklużjoni*) hija ppreżentata b’mod strutturat. |
| 13 – 16 | **Tajjeb ħafna**: l-evidenza hija suffiċjenti u rilevanti għall-ispjega tal-proġett. Il-preżentazzjoni għandha struttura tajba. |
| 9 – 12 | **Tajjeb**: l-evidenza hija suffiċjenti u rilevanti għall-ispjega tal-proġett. L-istruttura tal-preżentazzjoni m’hijiex tajba biżżejjed però l-punti prinċipali huma msemmija kollha. |
| 5 – 8 | **Mhux ħażin**: l-evidenza hija limitata imma l-biċċa l-kbira tagħha hija rilevanti għall-proġett. Il-preżentazzjoni hija nieqsa mill-istruttura imma xi punti prinċipali huma msemmija. |
| 0 – 4 | **Fqir:** l-evidenza hija limitata ħafna u ħafna mill-evidenza m’hijiex rilevanti għall-proġett. Il-preżentazzjoni ma fihiex struttura. |

**Tony Pace**
**Uffiċjal Edukattiv Primarja CMD**